# STORJA FOOTBALL MALTI



## SLIEMA WANDERERS
### jiftħu vantaġġ ta' ħames punti

**IT-TMIEN ĠURNATA**

**22-01-1966:** Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 4-1 H.T 2-1
**Referee:** George Busuttil
**Skurjaw:** J. Cini (S) 7' u 22', A. Borg (B) 30', R. Cocks (S) 69' u L. Micallef (S) 78'.

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri (Twanny 'Tal-Manager' Vassallo 51'), Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Birkirkara FC:** Randolph Camilleri, Pawlu Barbara, Ġanni Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Leli Mallia, Alfred Zammit, Joe 'Il-Waqu' Bonello, Karmenu 'L-Iscotch' Borg, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Alfred Borg.

1. Ray Cosby rega' deher bejn il-lasti ta' Sliema Wanderers wara zmien twil nieqes. Il-Wanderers kienu diga' ghamlu uzu mill-goalkeepers Alfred Debono u Alfred Vella f'dan il-kampjonat. Alfred Debono kien ilu ma jilgħab mit-telfa ta' 3-1 kontra Valletta fil-final tal-Cassar Cup u fil-fatt kien jumejn wara din il-logħba li kien reġa beda jinżel għat-training ma' Sliema. Il-goalkeeper l-ieħor Alfred Vella lagħab biss partita waħda u ftit kellu wirja tajba minkejja li l-Wanderers rebħu xorta waħda 4-2 kontra Floriana. L-aħħar partita ta' Cosby bejn il-lasti tal-Wanderers kienet fil-11 ta' Jannar 1964 meta Sliema kienu ghelbu lil Melita 4-1.

2. Ritorn ieħor fl-Ewwel Diviżjoni kien tal-veteran Leli Mallia li l-aħħar dehra tiegħu ma' Birkirkara fl-ogħla Diviżjoni kienet fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat 1962-63.

3. Birkirkara kellhom ħames players regolari nieqsa meta Karmenu Micallef 'Id-Dunda' kien ġie sospiż żewġ logħbiet, Ġillu Pace kien sospiż logħba, Frans Bonnici 'Il-Lula' kien imsiefer mar-Reġiment, il-goalkeeper Pawlu Bonello kien imweġġa' filwaqt li Johnnie Micallef informa lill-Kumitat li rtira mill-football minħabba raġunijiet personali.

4. L-ewwel goal ta' Sliema skurjat minn Joe Cini wasal minn żball tal-goalkeeper Randolph Camilleri meta x-xutt ta' Cini ħarablu minn idejh u spiċċa fix-xibka. Randolph Camilleri, ħu l-player ta' Floriana Anton Camilleri, kien qed jiddebutta fl-ewwel team meta ħa post il-goalkeeper regolari Pawlu Bonello.

5. Joe Cini, l-aqwa skorer tal-kampjonat fl-istaġun ta' qabel, skorja l-ewwel goals f'dan il-kampjonat. Huwa kien diġa skorja l-uniku goal ta'Wanderers fit-telfa ta' 3-1 kontra Valletta fid-9 ta' Jannar fil-Final tal-Cassar Cup. Cini mar anke qrib li jiskorja hat-trick meta kwarta mit-tmiem laqat il-mimduda bil-ballun jinżel fuq il-linja tal-goal. Sliema pprotestaw li l-ballun kien qabeż il-linja iżda l-linesman Carmel Galea għamel sinjal li l-ballun ma kienx daħal.

6. It-tielet goal tal-Wanderers wasal minn first timer ta' Ronnie Cocks bix-xutt ikun tant b'saħħtu li l-ballun baqa' mwaħħal bejn il-lasta u r-rokna tax-xibka.

7. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr John Bonett li ma rkuprax mill-injury tal-Ħadd ta' qabel kontra Floriana. Charles Spiteri, li daħal fit-team minflok Bonett, ukoll spiċċa weġġa' f'din il-partita u kellu jiġi mibdul.

**23-01-1966:** Ħamrun Sp. FC – Floriana FC 1-0 H.T 1-0
**Referee:** Joe M. Cassar Naudi
**Skorja:** J. Zarb (H) 39'.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Jimmy Spiteri, Patistu Attard, Karmenu Galea, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Gejtu

'Iċ-Ċajn' Zammit (Edward Spiteri 59'), Lolly Muscat, Carmelo 'Nene' Grech, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Albert Calleja.

**Floriana FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Alfred 'Il-Paper' Debono, Alfred Dymond, Charles Galea, Joe Grima, Frankie Micallef, Salvu Borg, Lolly Aquilina, Nenu Chircop, Lolly Borg, Hugh Caruana.

1. Qabel il-partita kienet nżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-ex Segretarju ta' Floriana FC Joseph Martinelli, 47 sena, li kien miet għall-għarrieda ġurnata qabel fl-Ingilterra fejn kien jinsab fuq kors tal-Ammiraljat tas-Civilian Officers. Joseph Martinelli kien Segretarju ta' Floriana mill-istaġun 1950-51 sal-1960-61 fejn anke rrappreżenta lill-club fil-Kunsill tal-MFA, kien anke Segretarju tal-Każin tal-Banda Vilhena u membru tan-National Sports Board.

2. B'din it-telfa it-tamiet li Floriana jirbħu l-kampjonat taru mar-riħ meta sa ġimgħa qabel sa sitt minuti mit-tmiem kienu fetħu vantaġġ ta' tliet punti fuq Sliema iżda sofrew tliet goals fl-aħħar ħinijiet u tilfu l-partita u l-quċċata tal-klassifika.

3. Is-sostitut Charles Galea irritorna fit-team ta' Floriana wara li fis-17 ta' Novembru rritorna minn Sydney l-Awstralja fejn kien emigra sena qabel. Matul is-sena li għamel l-Awstralja huwa kien ġie vvutat l-aħjar player tat-team tal-Maltin Malta United t'Adelaide. St George's li kienu qed jiċċalinġjaw biex jiġu promossi kienu avviċinaw lil Floriana għall-akkwist tiegħu iżda ma kienx intlaħaq ftehim.

4. L-uniku goal tal-partita wasal minn Johnnie Zarb, il-player li Floriana tant kienu pprivaw jieħdu magħhom fis-sajf.

5. Matul il-partita il-player ta' Ħamrun Albert Calleja beda l-ħin kollu jiffowlja u jidħol b'mod goff fuq il-player Lolly Borg bir-referee jonqos li jammonixxi lill-player tal-Ispartans. Skond ir-rapport tal-Malta News trid tara l-fouls biex temmen. Mument minnhom il-player Salvu Borg irritalja hu għal foul ta' Calleja fuq Lolly Borg fejn qam l-inkwiet bejn diversi players

6. Floriana bidlu erba' players mit-team li tilef 4-2 kontra Sliema Wanderers ġimgħa qabel – il-goalkeeper Tony Borg, Lolly Debattista, Tony Cauchi u Edward Azzopardi.

7. Fi tmiem il-partita kien hemm ġlied bejn il-players ħdejn id-dressing rooms bil-partitarji Ħamruniżi li kienu qrib fejn qam l-inkwiet iwaddbu l-ġebel lejn il-players Furjaniżi. Il-player Bertu Calleja deher ixejjer bis-sieq lil Salvu Borg. Il-Kunsill tal-MFA fit-30 ta' Marzu kien iddiskuta l-każ fejn iż-żewġ teamijiet irċevew twissija.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 14 pti.; Floriana FC 9 pti.; Hibernians FC 8 pti.; Valletta FC 7 pti.; Ħamrun Sp 6 pti.; Birkirkara FC 3 pti.

**L-Aqwa Skorers:** J. Bonett (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; N. Chircop (Floriana FC), R. Cocks u L. Micallef (Sliema Wdrs. FC) 4 goals; L. Borg u T. Cauchi (Floriana FC) 3 goals.

---

## AĦBARIJIET

Fl-1 ta' Jannar 1966 fl-10.30 a.m. intlagħbet partita ta' hbiberija mhux tas-soltu bejn players Maltin li huma partitarji tat-team Ingliż u players Maltin li huma partitarji tat-team Taljan. Il-partita intlagħbet fl-Arena tal-Indipendenza fil-Furjana u kienet organizzata mic-Circolo Giovanile San Publio tal-Furjana. Il-partita kienet intemmet fi draw ta' mingħajr goals. Xi ismijiet magħrufa kienu Derek Iles u l-goalkeeper ta' Birkirkara Randolph Camilleri fit-team 'Ingliż' u Anton Camilleri, Louis Arpa u Victor Mintoff fit-team 'Taljan'. Randolph u Anton Camilleri huma aħwa.

Fit-2 ta' Jannar 1966 Valletta rebħu l-ewwel unur tal-istaġun meta saru Champions tal-kampjonat tal-Under 21 wara li għelbu lil Ħamrun Spartans 2-0 b'goals ta' Gauci fl-40 minuta u Mizzi fit-88 minuta. Dan il-kampjonat kien wieħed qasir bejn sitt teamijiet u b'round wieħed. Valletta kisbu tliet rebħiet u żewġ drawijiet.

Fit-2 t' Jannar 1966 fil-partita tat-Tieni Diviżjoni bejn Senglea Athletic u Santa Venera (2-0) il-goalkeeper Salvu Alamango lagħab bħala inside left u skorja t-tieni goal għal Senglea wara li Casha kien fetaħ l-iskor.

Fil-5 ta' Jannar 1966 wasal Malta il-player Ungeriż Pal Csernai li kellu negozjati ma' Valletta biex ikun il-player-coach tagħhom. Csernai, li kien joqgħod il-Ġermanja, kien lagħab mat-team B tal-Ungerija. Fit-12 ta' Jannar Csernai niżel għat-training fil-Victoria Gate Ground ma' Valletta u fit-23 ta' Jannar lagħab anke fi friendly fil-Marsa Ground mat-team Belti kontra l-RAF li Valletta tilfu 1-3. Ġurnata wara Valletta kienu tressqu quddiem il-Kunsill minħabba li lagħbu lil Csernai mingħajr permess tal-MFA u ġew imwissija. Csernai ħalla Malta fit-28 ta' Jannar u kien mistenni jilgħab ma' Valletta mill-istaġun ta' wara.

Fl-10 ta' Jannar 1966 Lija Athletic daħħlu protest quddiem l-MFA fejn sostnew li fil-partita kontra Marsa ta' ġurnata qabel dawn daħħlu lis-sostitut Spiteri minflok A. Borg meta l-istess Spiteri kien diġa lagħab fil-partita u ġie mibdul ma' Portelli. Meta l-Kunsill sema' il-każ fis-27 ta' Jannar 1966 Lija ma rnexxielhomx jippruvaw l-akkuża tagħhom u tilfu l-protest.

Fit-13 ta' Jannar 1966 il-Kunsill tal-MFA ddiskuta jekk Malta għandhiex tieħu sehem fit-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej. Ġie deċiż li tintalab għajnuna finanzjarja mingħand in-National Sports Board iżda r-risposta li rċevew mingħand din l-entità governattiva kienet li l-livell baxx tal-football Malti u s-sitwazzjoni finanzjarja xejn tajba ma jħallux lok għal parteċipazzjoni f'kompetizzjoni hekk kbira. Fil-15 ta' Frar 1966 l-MFA bagħtet cable lill-UEFA fejn għarrfitha li ma kienitx ser tieħu sehem.

Fit-18 ta' Jannar 1966 il-ġurnal 'Il-Ħaddiem kiteb li s-side tal-lagħba f'Manoel Island illum tferrxet fi kwalunkwe parti tal-ground, bil-lagħba jduru ma' kull rokna tal-ground bil-fivers f'idejhom iħajjru lin-nies biex jieħdu l-punt.

Fit-22 ta' Jannar 1966 thabbret il-mewt għall-għarrieda tas-Sur Joseph Martinelli fl-għomor ta' 47 sena. Huwa kien jinsab l-Ingilterra fuq Admiralty Course għall-ħaddiema taċ-Ċivil. Is-Sur Martinelli kien serva fil-Kumitat ta' Floriana FC bejn l-1949 u 1962 fejn għamel zmien twil Segretarju tal-club. Huwa kien anke rappreżentant ta' Floriana FC fil-Kunsill tal-MFA.

Fit-23 ta' Jannar 1966 waqt il-partita tal-Minors bejn Ħamrun Spartans u Floriana (2-2) il-player tal-Ispartans Cuschieri xejjer daqqa lill-goalkeeper sieħbu Mifsud hekk kif Ħamrun sofrew it-tieni goal skurjat minn Louis Arpa. Mifsud ried joħroġ mill-ground iżda l-Kumitat ikkonvinċieh jibqa'. Ir-referee John Dalli naqas li jkeċċi lil Cuschieri biex wara kien dan l-istess player li skorja l-goal tad-draw għall-Ispartans.

Fil-31 ta' Jannar 1966 f'serata li saret fil-Hotel Phoenicia, il-player tal-waterpolo Alfred Grixti ġie vvutat Sportsman of the Year filwaqt li Christine Cauchi tal-Amateur Swimming Association kienet ivvutata Sportswoman of the Year. 11 il- sportiv raġel u erba nisa' kienu kkontestaw għar-rebħ tal-unur li kien jiġi organiżżat minn Sporting Star ta' Benny Pace u sponsorjat mid-ditta tas-sigaretti Carreras (Malta) Limited.

*Tonio Farrugia*